II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tas-27 ta' Ġunju 2008**

**li temenda l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE fir-rigward tar-rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni ta' importazzjonijiet fil-Komunità ta' ċerti annimali ungulati ħajjin u l-laħam frisk tagħhom**

*(notifikata bid-dokument numru C(2008) 3040)*

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2008/752/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali u li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum uman ([1]), u b'mod partikolari l-frażi ta' introduzzjoni ta' l-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu (1) ta' l-Artikolu 8 u l-paragrafu (4) ta' l-Artikolu 8 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2004/68/KE tas-26 ta' April 2004 li tistabbilixxi r-regoli tas-saħħa ta' l-annimali għall-importazzjoni lejn u t-*rnżitu* fil-Komunità għal ċerti annimali ungulati ħajjin, u temenda d-Direttivi 90/426/KEE u 92/65/LEE u tħassar id-Direttiva 72/462/KEE ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 13(1)(e) tagħha,

Billi:

(1) Il-Parti 1 ta' l-Annessi I u II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li telenka lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom, u li tistipola l-kundizzjonijiet ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika u veterinarja għal importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom ([3]) tistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi u partijiet ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom.

(2) Skond id-Deċiżjoni 79/542/KEE, l-importazzjonijiet ta' dawk l-annimali u l-laħam għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti stipulati fil-mudelli xierqa taċ-ċertifikat veterinarju stipulati fl-Annessi ta' dik id-Deċiżjoni. Il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji għall-annimali huma stipulati fil-Parti 2 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE u l-mudelli għal-laħam huma stipulati fil-Parti 2 ta' l-Anness II.

(3) Filwaqt li titqies l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar l-iġjene ta' l-oġġetti ta' l-ikel ([4]), ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ([5]) u r-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ([6]) u l-atti li jimplimentaw dawk ir-Regolamenti, jeħtieġ li jiġu emendati u aġġornati l-kundizzjonijiet Komunitarji tas-saħħa pubblika u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjoni fil-Komunità ta' laħam frisk mill-ungulati domestiċi (annimali bovini, porċini, ovini u kaprini, u solipedi domestiċi), minn

([1]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.

([2]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 320; verżjoni kkoreġuta (ĠU L 226, 25.6.2004, p. 128).

([3]) ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.

([4]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 1; verżjoni kkoreġġuta ĠU L 226, 25.6.2004, p. 3.

([5]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55; verżjoni kkoreġuta ĠU L 226, 25.6.2004, p. 22.

([6]) ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206; verżjoni kkoreġuta ĠU L 226, 25.6.2004, p. 83.

mammali oħra ta' l-art imrobbija li mhumiex ungulati domestiċi, u minn ungulati slavaġġ.

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1688/2005 ta' l-14 ta' Ottubru 2005 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' garanziji speċjali li jikkonċernaw is-salmonella għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Iżvezja ta' ċertu laħam u bajd ([7]), jistipula r-regoli ta' kampjunar applikabbli għal-laħam minn annimali bovini u porċini, inkluż il-laħam ikkapuljat, maħsuba għall-Finlandja u l-Iżvezja.

(5) Il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji "BOV" u "POR" stipulati fil-Parti 2 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandhom jiġu emendati sabiex ikun jidher mill-attestazzjonijiet tas-saħħa pubblika f'dawk iċ-ċertifikati li l-konsenji tal-laħam koperti minn dawk iċ-ċertifikati jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 1688/2005.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 tal-15 ta' Novembru 2005 dwar il-kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti ta' l-ikel ([8]) jistipula l-kriterji mikrobijoloġiċi għal ċerti mikro-organiżmi u r-regoli ta' implimentazzjoni li jridu jikkonformaw magħhom l-operaturi fis-settur ta' l-ikel huma u jimplimentaw il-miżuri ġenerali u speċifiċi ta' iġjene msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004. Dan jipprovdi li l-operaturi fis-settur ta' l-ikel għandhom jiżguraw li l-oġġetti ta' l-ikel jikkonformaw mal-kriterji mikrobijoloġiċi rilevanti stabbiliti f'dak ir-Regolament.

(7) Il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji "BOV" "POR", "OVI", "EQU", "RUF", "RUW", "SUF", "SUW" u "EQW" stipulati fil-Parti 2 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandhom jiġu emendati sabiex ikun jidher miċ-ċertifikazzjonijiet tas-saħħa pubblika f'dawk iċ-ċertifikati li l-konsenji tal-laħam u l-laħam ikkapuljat koperti minn dawk iċ-ċertifikati jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005.

(8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2075/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistipula regoli speċifiċi għal kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam ([9]) jistipula regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* f'ċertu laħam. Il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji "POR", "EQU", "SUF", "SUW" u "EQW" stipulati fil-Parti 2 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandhom jiġu emendati sabiex ikun jidher miċ-ċertifikazzjonijiet tas-saħħa pubblika f'dawk iċ-ċertifikati li l-konsenji tal-laħam koperti minn dawk iċ-ċertifikati jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2075/2005.

(9) Skond ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabbilixxi regoli għall-prevenzjoni, il-kontroll u l-eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered ([10]), materjal speċifikat ta' riskju ma għandux jiġi impurtat fil-Komunità.

(10) L-Anness IX tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jistipula r-regoli fir-rigward ta' l-enċefalopatija sponġiformi li tinxtered (TSE) għall-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali ħajjin, embrijuni, ova u prodotti li joriġinaw mill-annimali marbuta mal-kategorizzazzjoni ta' pajjiżi skond ir-riskju tagħhom ta' enċefalopatija sponġiformi bovina. Fl-interess taċ-ċarezza u l-konsistenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, ir-rekwiżiti ta' l-importazzjoni li huma marbuta mat-TSE stipulati f'dak ir-Regolament għandhom jiġu inklużi fil-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji għal annimali bovini ħajjin u laħam frisk tal-bovini, l-ovini u l-kaprini. Il-mudelli "BOV-X", u "BOV-Y" stipulati fil-Parti 2 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE u l-mudelli "BOV" u "OVI" stipulati fil-Parti 2 ta' l-Anness II ta' dik id-Deċiżjoni għandhom jiġu emendati skond dan.

(11) Fid-dawl tal-bidu ta' l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 dwar il-protezzjoni ta' l-annimali waqt it-trasport u operazzjonijiet relatati u li temenda d-Direttivi 64/432/KEE u 93/119/KE u r-Regolament (KE) Nru 1255/97 ([11]), jeħtieġ li tiġi aġġornata ċ-ċertifikazzjoni tat-trasport ta' l-annimali għaċ-ċertifikati ta' l-importazzjoni ta' l-annimali ħajjin.

(12) TRACES hija sistema kompjuterizzata veterinarja integrata introdotta bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces u li temenda d-Deċiżjoni 92/486/KEE ([12]). Din tgħaqqad u tieħu post il-funzjonijiet tas-sistemi Animo u Shift. Barra minn hekk, l-istandardizzazzjoni fl-użu taċ-ċertifikati tas-saħħa hija essenzjali għall-ipproċessar effettiv bil-kompjuter taċ-ċertifikati fis-sistema TRACES.

(13) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/240/KE tas-16 ta' April 2007 li tistabbilixxi ċ-ċertifikati veterinarji l-ġodda għall-introduzzjoni ta' annimali ħajjin, tas-semen, ta' l-embrijuni, ta' l-ova u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali fil-Komunità fil-qafas tad-Deċiżjonijiet 79/542/KEE, 92/260/KEE, 93/195/KEE, 93/196/KEE, 93/197/KEE, 95/328/KE, 96/333/KE, 96/539/KE, 96/540/KE, 2000/572/KE, 2000/585/KE, 2000/666/KE, 2002/613/KE, 2003/56/KE, 2003/779/KE, 2003/804/KE, 2003/858/KE, 2003/863/KE, 2003/881/KE, 2004/407/KE, 2004/438/KE, 2004/595/KE, 2004/639/KE u 2006/168/KE ([13]) tipprovdi li ċ-ċertifikati tas-saħħa varji meħtieġa fil-kuntest ta' l-importazzjonijiet Komunitarji għandhom jiġu ppreżentati fuq il-bażi tal-mudelli taċ-ċertifikati armonizzati annessi ma' dik id-Deċiżjoni.

(14) Skond dan, il-format tal-mudelli kollha taċ-ċertifikati veterinarji stipulati fid-Deċiżjoni 79/542/KEE għandu jiġi emendat biex dawn ikunu kompatibbli ma' TRACES.

([7]) ĠU L 271, 15.10.2005, p. 17.
([8]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 1.
([9]) ĠU L 338, 22.12.2005, p. 60.
([10]) ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1.
([11]) ĠU L 3, 5.1.2005, p. 1.
([12]) ĠU L 94, 31.3.2004, p. 63.
([13]) ĠU L 104, 21.4.2004, p. 37.

(15) Sabiex ikun hemm konsistenza bejn il-mudelli taċ-ċertifikati veterinarji għall-annimali bovini u ruminanti oħrajn, jinħtieġ li fil-mudell "RUM" stipulat fil-Parti 2 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE, jiddaħħal paragrafu ġdid u nota f'qiegħ il-paġna fir-rigward tal-bluetongue. Barra minn hekk, fl-interess taċ-ċarezza, għandhom jiżdiedu żewġ noti f'qiegħ il-paġna b'referenzi dwar il-bluetongue fil-mudelli "BOV-X" u "OVI-X", li wkoll huma stipulati fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

(16) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/854/KE tas-26 ta' Lulju 2006 li tapprova f'isem il-Komunità Ewropea emendi għall-Annessi V u VIII tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u New Zealand dwar miżuri sanitarji applikabbli għan-negozju fl-annimali ħajjin u l-prodotti ta' l-annimali ([14]), irrikonoxxiet lil New Zealand bħala pajjiż ħieles minn *B. abortus* and *B. melitensis* fil-punt 29 tat-Taqsima V ta' l-Anness V. Dak ir-rikonoxximent għandu jitqies fl-entrata ta' New Zealand fil-Parti I ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/452/KEE.

(17) Biex il-kummerċ ma jiġix imfixkel, l-użu taċ-ċertifikati maħruġa skond id-Deċiżjoni 79/542/KEE, qabel l-emendi introdotti mid-Deċiżjoni preżenti, għandhom jiġu awtorizzati għal perjodu ta' tliet xhur.

(18) Id-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(19) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u Saħħet l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-Parti 1 u l-Parti 2 ta' l-Anness I u l-Parti 2 ta' l-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE huma emendati skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Lulju 2008.

B'deroga mill-ewwel paragrafu, konsenji li nħarġulhom ċertifikati veterinarji skond il-mudelli stabbiliti fid-Deċiżjoni 79/542/KEE qabel l-introduzzjoni ta' l-emendi mid-Deċiżjoni preżenti u b'data tal-ħruġ qabel il-31 ta' Diċembru 2008, għandhom jiġu aċċettati għal importazzjoni fil-Komunità sal-1 ta' Marzu 2009.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

---

([14]) ĠU L 338, 5.12.2006, p. 1.

*ANNESS*

1) Fl-Anness I, il-Partijiet 1 u 2 jinbidlu b'dan li ġej:

*"ANNESS I*

**ANNIMALI ĦAJJIN**

PARTI 1

**Lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minnhom (*)**

| Pajjiż (a) | Kodiċi tat-Territorju: | Deskrizzjoni tat-territorju | Ċertifikat veterinarju | | Kundizzjoni-jiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Mudell(i) | GS | |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| CA – Il-Kanada | CA-0 | Il-pajjiż kollu | POR-X | | **IVb IX** |
| | CA-1 | Il-pajjiż kollu ħlief ir-reġjun ta' Okanagan Valley tal-British Columbia kif deskritt hawn isfel:<br>— Minn punt fuq il-fruntiera bejn il-Kanada u l-Istati Uniti 120°15' ta' lonġitudni u 49° ta' latitudni<br>— Lejn it-Tramuntana fil-punt ta' 119°35' ta' lonġitudni u 50°30' ta' latitudni<br>— Lejn il-Grigal fil-punt ta' 119° ta' lonġitudini u 50°45' ta' latitudini<br>— Lejn in-Nofinhar minn punt fuq il-fruntiera bejn il-Kanada u l-Istati Uniti 118°15' ta' lonġitudni u 49° ta' latitudini | BOV-X, OVI-X, OVI-Y RUM (**) | **A** | |
| CH – L-Iżvizzera | CH-0 | Il-pajjiż kollu | (***) | | |
| CL – Iċ-Ċilì | CL-0 | Il-pajjiż kollu | BOV-X, OVI-X, RUM | | |
| | | | POR-X, SUI | **B** | |
| GL – Greenland | GL-0 | Il-pajjiż kollu | OVI-X, RUM | | **V** |
| HR – Il-Kroazja | HR-0 | Il-pajjiż kollu | BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y | | |
| IS – L-Iżlanda | IS-0 | Il-pajjiż kollu | BOV-X, BOV-Y RUM, OVI-X, OVI-Y | | |
| | | | POR-X, POR-Y | **B** | |
| ME – Il-Montenegro | ME-0 | Il-pajjiż kollu | | | **I** |
| MK – L-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja. (****) | MK-0 | Il-pajjiż kollu | | | **I** |
| NZ – New Zealand | NZ-0 | Il-pajjiż kollu | BOV-X, BOV-Y, RUM, POR-X, POR-Y OVI-X, OVI-Y | | **III V** |

| Pajjiż (a) | Kodiċi tat-Territorju: | Deskrizzjoni tat-territorju | Ċertifikat veterinarju | | Kundizzjonijiet speċifiċi |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | Mudell(i) | GS | |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| PM – St Pierre Miquelon | PM-0 | Il-pajjiż kollu | BOV-X, BOV-Y, RUM, OVI-X, OVI-Y CAM | | |
| RS – Is-Serbja (*****) | RS-0 | Il-pajjiż kollu | | | I |

(*) Mingħajr ħsara għar-rekwiżiti speċifiċi taċ-ċertifikazzjoni pprovduti minn kwalunkwe ftehim Komunitarju rilevanti ma' pajjiżi terzi.
(**) Esklussivament għal annimali ħajjin li mhumiex annimali li jagħmlu parti mill-ispeċi taċ-*cervidae*.
(***) Ċertifikati skond il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli, ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132.
(****) L-ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li bl-ebda mod ma jippreġudika n-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li se jsir ftehim dwaru wara l-konklużjoni tan-negozjati li bħalissa għaddejjin dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.
(*****) Ma tinkludix il-Kosovo kif definit mir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

*Kundizzjonijiet Speċifiċi* (ara n-noti tal-qiegħ f'kull ċertifikat)*:*

'I': għat-tranżitu mit-territorju ta' annimali għall-qtil dirett li jiġu kkonsenjati minn Stat Membru u li jkunu ddestinati għal Stat Membru ieħor fi trakkijiet li jkunu ġew issiġillati permezz ta' siġill innumerat b'numru ta' serje. In-numru tas-siġill għandu jitniżżel fuq iċ-ċertifikat tas-saħħa maħruġ skond il-mudell li jidher fl-Anness F tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE tas-26 ta' Ġunju 1964 dwar il-problemi tas-saħħa ta' l-annimali li jaffettwaw il-kummerċ ta' annimali bovini u suwini ġewwa l-Komunità, għal annimali bovini u s-suwini, u skond il-Mudell I ta' l-Anness E tad-Direttiva tal-Kunsill 91/68/KEE tat-28 ta' Jannar 1991 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju tan-nagħaġ u tal-mogħoż, għall-annimali ovini u kaprini. Barra minn hekk, is-siġill għandu jkun sħiħ meta jasal fil-post tad-dħul fil-Komunità fuq il-fruntiera deżinjat għall-ispezzjoni u n-numru tas-siġill għandu jiġi rreġistrat fi TRACES. Iċ-ċertifikat għandu jiġi ttimbrat fil-post tal-ħruġ ta' l-Istat Membru ta' l-oriġini mill-awtoritajiet veterinarji kompetenti qabel it-tranżitu lejn pajjiż terz bil-kliem xieraq li ġej 'ESKUSSIVAMENT GĦAL TRANŻITU BEJN PARTIJIET DIFFERENTI TA' L-UNJONI EWROPEA BI TRANŻITU MILL-EX REPUBBLIKA JUGOŻLAVA TAL-MAĊEDONJA/MILL-MONTENEGRO/MIS-SERBJA (ħassar il-pajjiż skond il-bżonn).'

'II': it-territorju huwa rrikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mit-tuberkolożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X

'III': it-territorju huwa rrikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X.

'IVa': it-territorju huwa rrikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles minn enzootic-bovine-leukosis (EBL) għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X.

'IVb': territorju bi stabbilimenti approvati rikonoxxuti bħala uffiċjalment ħielsa minn enzootic-bovine-leukosis (EBL) għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X.

'V': it-territorju huwa rrikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat OVI-X.

'VI': restrizzjonijiet ġeografiċi.

'VII': it-territorju huwa rrikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mit-tuberkolożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat RUM.

'VIII': it-territorju huwa rrikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat RUM.

'IX': it-territorju huwa rrikonoxxut bħala uffiċjalment ħieles mill-marda ta' Aujeszky għal skopijiet ta' esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea ta' annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat POR-X.

PARTI 2

**Mudelli taċ-Ċertifikati Veterinarji**

*Mudelli:*

‘BOV-X’: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għall-annimali domestiċi bovini (inklużi speċi *Bubalus* u *Bison* u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għat-tgħammir u/jew għall-produzzjoni wara l-importazzjoni.

‘BOV-Y’: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għall-annimali domestiċi bovini ((inklużi speċi *Bubalus* u *Bison* u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għall-qtil immedjat wara l-importazzjoni.

‘OVI-X’: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għan-ngħaġ (*Ovis aries*) u l-mogħoż (*Capra hircus*) domestiċi maħsuba għat-tgħammir u/jew għall-produzzjoni wara l-importazzjoni.

‘OVI-Y’: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għan-ngħaġ (*Ovis aries*) u l-mogħoż (*Capra hircus*) domestiċi maħsuba għall-qtil immedjat wara l-importazzjoni.

‘POR-X’: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għall-annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*) maħsuba għal għat-tgħammir u/jew għal-produzzjoni wara l-importazzjoni.

‘POR-Y’: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għall-annimali porċini domestiċi (*Sus scrofa*) maħsuba għal qtil immedjat wara l-importazzjoni.

RUM: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal annimali ta’ l-ordni Artiodactyla (minbarra annimali bovini (inklużi l-ispeċi *Bubalus* u *Bison* u r-razez imħalltin tagħhom), *Ovis aries*, *Capra hircus*, Suidae u Tayassuidae), u tal-familji Rhinocerotidae u Elephantidae.

‘SUI’: Mudell ta’ ċertifikat veterinarju għal Suidae mhux domestiċi, Tayassuidae u Tapiridae.

‘CAM’: Mudell ta’ dikjarazzjoni speċifika għal annimali impurtati minn St Pierre u Miquelon bil-kundizzjonijiet ipprovduti fil-Parti 4 ta’ l-Anness I.

*GS (Garanziji supplementari):*

‘A’: garanziji dwar testijiet għall-Bluetongue u l-marda epiżootika emorraġika fuq annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat BOV-X (il-punt II.2.8 B), OVI-X (il-punt II.2.6 D) u RUM (il-punt II.2.6).

‘B’: garanziji dwar testijiet għall-marda vesikulari tal-ħnieżer u l-marda klassika tal-ħnieżer fuq annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat POR-X (il-punt II.2.4 B) u SUI (il-punt II.2.4 B).

‘C’: garanziji dwar it-test għall-Bruċellosi fuq annimali ċċertifikati skond il-mudell taċ-ċertifikat POR-X (il-punt II.2.4 C) u SUI (il-punt II.2.4 C).

*Noti*

(a) Iċ-ċertifikati veterinarji għandhom isiru mill-pajjiż li jesporta, fuq il-bażi tal-mudell li jidher fil-Parti 2 ta' l-Anness I, skond kif inhu mqassam il-mudell li jikkorrispondi ma' l-annimali kkonċernati. Għandhom ikollhom, fl-ordni nnumerat li jidher fil-mudell, iċ-ċertifikazzjonijiet li huma meħtieġa għal kwalunkwe pajjiż terz u, skond il-każ, dawk il-garanziji supplimentari li huma meħtieġa għall-pajjiz terz jew parti minnu li jkun qed jesporta.

Jekk mitlub hekk mill-Istat Membru ta' l-UE tad-destinazzjoni, għall-annimali kkonċernati, ir-rekwiżiti addizzjonali taċ-ċertifikazzjoni għandhom jiddaħħlu wkoll fil-forma oriġinali taċ-ċertifikat veterinarju.

(b) Għandu jiġi pprovdut ċertifikat separat u uniku għal annimali li huma esportati minn territorju wieħed li jidher fil-kolonni 2 u 3 tal-Parti 1 ta' l-Anness I li huma kkunsinjati lejn l-istess destinazzjoni u ttrasportati fl-istess vagun tal-ferrovija, trakk, inġenju ta' l-ajru, jew vapur.

(ċ) L-oriġinali ta' kull ċertifikat għandu jikkonsisti f'paġna waħda, iż-żewġ naħat, jew, fejn tinħtieġ aktar kitba, għandu jkun f'tali forma li l-paġni kollha li hemm bżonn ikunu parti minn sistema integrata sħiħa u li ma tistax tinqasam.

(d) Għandu jitfassal f'mill-inqas wieħed mill-ilsna uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-UE li fih għandha titwettaq l-ispezzjoni fuq il-fruntiera u ta' l-Istat Membru ta' l-UE destinatarju. Madankollu, dawn l-Istati Membri jistgħu jippermettu lingwa oħra tal-Komunità minflok tagħhom, akkumpanjata, jekk ikun hemm bżonn, minn traduzzjoni uffiċjali.

(e) Jekk minħabba raġunijiet ta' identifikazzjoni ta' l-oġġetti tal-kunsinna (l-iskeda fil-punt I.28 tal-mudell taċ-ċertifikat), ikunu mehmuża paġni addizzjonali maċ-ċertifikat, dawn il-paġni jistgħu wkoll jitqiesu li jagħmlu parti mill-oriġinali taċ-ċertifikat bl-applikazzjoni tal-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali li jiċċertifika, fuq kull paġna.

(f) Meta ċ-ċertifikat, inkluzi skedi addizzjonali msemmija f'e), jinkludi aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tingħata numru – (in-*numru tal-paġna*) minn (*numru totali ta' paġni*) – fil-qiegħ u għandha jkollha n-numru tal-kodiċi taċ-ċertifikat li jkun ġie magħżul mill-awtorità kompetenti fil-parti ta' fuq tagħha.

(g) L-oriġinali taċ-ċertifikat trid timtela u tkun iffirmata minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa qabel ma l-kunsinna titgħabba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità. Meta jagħmlu hekk, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiżi li jesportaw għandhom jiżguraw li jiġu segwiti prinċipji taċ-ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk imniżżla fid-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE.

Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak tat-test stampat. L-istess regola tapplika għal timbri oħra għajr dawk imqabbża jew watermarks.

(h) L-oriġinali taċ-ċertifikat trid takkumpanja l-kunsinna sakemm tasal fil-post fuq il-fruntiera ta' l-UE fejn se ssir l-ispezzjoni.

(i) Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ.

Fil-każ ta' trasport bil-vapur, iż-żmien tal-validità jittawwal biż-żmien tal-vjaġġ bil-vapur. Għal dan l-iskop, maċ-ċertifikat veterinarju għandha tiġi mehmuża dikjarazzjoni mill-kaptan tal-vapur, imħejjija skond l-*addendum* tal-Parti 3 ta' l-Anness I ta' din id-Deċiżjoni, fil-forma oriġinali tagħha.

(j) L-annimali ma għandhomx jinġarru flimkien ma' annimali oħra li, jew mhumiex maħsuba għall-Komunità Ewropea, jew għandhom stat ta' saħħa inferjuri.

(k) Matul it-trasport tagħhom lejn il-Komunità Ewropea, l-annimali ma għandhomx jinħattu fit-territorju ta' pajjiż jew parti minn pajjiż li mhuwiex/mhijiex approvata għall-importazzjoni lejn il-Komunità ta' dawn annimali.

(l) In-numru ta' referenza taċ-ċertifikat imsemmi fil-kaxxi I.2 u II.a. għandu jinħareġ mill-awtorità kompetenti.

**PAJJIŻ**

**Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta**

I.1. Kunsinnatur
☐ Isem
Indirizz
Nru tat-tel.

I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza

I.2.a

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Nru tat-tel.

I.6.

I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO

I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.10. Reġjun ta' destinazzjoni — Kodiċi

I.11. Pajjiz ta' origini/Pajjiz ta' ħsad
Isem — Numru approvat
Indirizz
Isem — Numru approvat
Indirizz
Isem — Numru approvat
Indirizz

I.12.

I.13. Post ta' tgħabija
Indirizz — Numru approvat

I.14. Data ta' tluq — Ħin ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi ta' komodità (Kodiċi CN) 01.02

I.20. Numru/Kwantità

I.21

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' siġill

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati
Tgħammir ☐ Simna ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (Isem xjentifiku) | Razza | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Sess |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | |

**PAJJIŻ** **Mudell BOV-X**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. | **TAGĦRIF DWAR IS-SAĦĦA** | II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

II.1. **Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali ffirmat hawn taħt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 ġejjin minn stabbilimenti li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta' saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċellożi, għall-aħħar 30 jum fil-każ ta' l-antraċe u għall-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u, ma ġewx f'kuntatt ma' annimali minn stabbilimenti li ma kinux jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet;

II.1.2 ma rċevewx:

— sustanzi stilbene jew tirostatiċi,

— sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew b- agonist għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE);

II.1.3 fir-rigward ta' l-enċefalopatija sponġiforma bovina (BSE):

(1) (2) *jew* [a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla ta' l-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-Kapitolu C, Parti I, punt (4) (b) (iv) ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

b) jekk kien hemm każijiet indiġeni ta' BSE fil-pajjiż ikkonċernat, l-annimali twieldu wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u residwi tad-dam (greaves) tar-ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid ta' l-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

(1) (3) *jew* [a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla ta' l-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-Kapitolu C, Parti II, punt (4) (b) (iv) ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

b) l-annimali twieldu wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u residwi tad-dam (greaves) tar-ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid ta' l-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

(1) (4) *jew* [a) l-annimali huma identifikati b'sistema ta' identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla ta' l-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-Kapitolu C, Parti II, punt (4) (b) (iv) ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

b) l-annimali twieldu ta' l-inqas sentejn wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta' ruminanti b'laħam u għadam imfarrak u residwi tad-dam (greaves) tar-ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid ta' l-aħħar każ indiġenu ta' BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

II.2. **Ċertifikazzjoni tas-Saħħa ta' l-Annimali:**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali ffirmat hawn taħt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.1 ġejjin minn territorju bil-kodiċi: ……………………(5) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat:

(1) *jew* [a) kien ħieles għal 24 xahar mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, għal 12-il xahar mir-rinderpest, mill-bluetongue, mir-Rift valley fever, mill-plewropulmonite li tittieħed tal-bovini, mil-lumpy skin disease u l-marda epiżootika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vesikulari, u]

[1] *jew* [a) i) kien ilu ħieles għal 12-il xahar mir-rinderpest, mill-bluetongue, mir-Rift valley fever, mill-plewropulmonite li tittieħed tal-bovini, mil-lumpy skin disease u mill-marda epiżootika emorraġika, u għal 6 xhur mill-istomatite vesikulari, u

ii) tqies ħieles mill-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer sa minn …………… (data), mingħajr ma seħħew każi/tifqigħat wara din id-data, u ġie awtorizzat jesporta dawn l-annimali mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni-----/----/KE, ta' … (data);

b) fejn matul l-aħħar 12-il xahar, ma sar l-ebda tilqim kontra dan il-mard u l-importazzjonijiet ta' annimali bid-difer mifruq imlaqqma kontra dan il-mard mhumiex awtorizzati;

II.2.2 dawn baqgħu fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1 minn twelidhom, jew għallinqas dawn l-aħħar sitt xhur qabel ma ntbagħtu lejn il-Komunità Ewropea u bla ma ġew f'kuntatt, fl-aħħar 30 jum, ma' annimali bid-difer mifruq impurtati;

II.2.3 baqgħu minn twelidhom, jew mill-inqas għall-40 jum qabel ma ntbagħtu, fl-istabbiliment(i) ta' l-oriġini deskritt(i) fil-kaxxa ta' referenza I.11:

a) fih(om) u madwaru/hom, f'żona b'raġġ ta' 150 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa ta' bluetongue u tal-marda epiżootika emorraġika matul is-60 jum ta' qabel, u

b) fejn fih(om) u madwaru/hom, f'żona b'raġġ ta' 10 km, ma kien hemm l-ebda każ/tifqigħa tal-mard l-ieħor imsemmi fil-punt II.2.1 matul l-40 jum ta' qabel;

II.2.4 mhumiex annimali li se jinqatlu skond programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, u lanqas ma tlaqqmu kontra l-mard imsemmi fil-punt II.2.1;

II.2.5 ġejjin minn merħliet:

a) inklużi f'sistema uffiċjali għall-kontroll tal-lewkożi enżootika bovina (enzootic bovine leukosis) u li fihom ma kien hemm l-ebda evidenza, klinika jew b'riżultat ta' test tal-laboratorju, ta' din il-marda matul is-sentejn ta' qabel, u

b) li mhumiex ristretti bil-leġiżlazzjoni nazzjonali fejn għandha x'taqsam l-eradikazzjoni tat-tuberkulożi u tal-bruċellożi, u

c) li huma magħrufa bħala uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi u mill-bruċellożi; [6];

II.2.6 huma:

[1] [7] *jew* [ġejjin minn reġjun li huwa magħruf bħala ħieles uffiċjalment mit-tuberkulożi;] [6]

[1] *jew* [ġew suġġetti għal test intradermali tat-tuberkulina fl-aħħar 30 jum b'riżultati negattivi;] [8]

[1] *jew* [għandhom inqas minn sitt ġimgħat;]

II.2.7 ma tlaqqmux kontra l-bruċellożi u:

[1] [7] *jew* [ġejjin minn reġjun li huwa magħruf bħala uffiċjalment ħieles mill-bruċellożi;] [6]

[1] *jew* [kienu suġġetti għal test ta' l-agglutinazzjoni tas-serum li wera ammont ta' bruċella ta' inqas minn 30 IU ta' agglutinazzjoni għal kull ml, fl-aħħar 30 jum;] [8]

[1] *jew* [għandhom inqas minn 12-il xahar;]

[1] *jew* [huma annimali maskili kkastrati ta' kwalunkwe età;]

II.2.8. A. huma:

[1] [7] *jew* [ġejjin minn merħliet li huma magħrufa bħala uffiċjalment ħielsa mill-marda tal-lewkożi enżootika bovina] [6]

[1] *jew* [ġejjin minn reġjun li huwa magħruf bħala uffiċjalment ħieles mil-lewkożi enżootika bovina;] [6]

[1] *jew* [ġew suġġetti, fl-aħħar 30 jum, għal test individwali għal-lewkożi enżootika bovina b'riżultat negattiv;] [8]

[1] *jew* [għandhom inqas minn 12-il xahar;]

[1] *jew* [ma għandhomx aktar minn 30 xahar u huma mmarkati individwalment fuq mill-inqas żewġ postijiet fuq il-warrani tagħhom biex ikun indikat li dawn maħsuba esklussivament għat-tismin għall-produzzjoni tal-laħam;] [9]

[1] [10] [II.2.8. B. irreaġixxew b'mod negattiv għal test seroloġiku għall-individwazzjoni ta' antikorpi għall-bluetongue u għall-marda epiżootika emorraġika, liema test sar f'żewġ okkażjonijiet fuq kampjuni tad-demm li ttieħdu fil-bidu tal-perjodu ta' iżolament/kwarantina u mill-inqas 28 jum wara, fi ....................(data) u fi ................. (data), fejn it-tieni waħda għandha tkun ittieħdet fi żmien 10 ijiem mill-esportazzjoni;]

II.2.9. huma/kienu[1] mibgħuta mill-istabbiliment(i) tagħhom ta' l-oriġini, mingħajr ma għaddew minn ebda suq:

[1] *jew* [direttament lill-Komunità Ewropea,]

[1] *jew* [lejn ċentru ta' raggruppament awtorizzat uffiċjalment deskritt fil-kaxxa ta' referenza I.13 li jinsab fit-territorju deskritt fil-punt II.2.1,]

u, sakemm intbagħtu lejn il-Komunità Ewropea:

a) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali oħra bid-difer mifruq li mhumiex konformi ma' mill-inqas l-istess rekwiżiti tas-saħħa kif deskritt f'dan iċ-ċertifikat, u

b) ma kienu f'ebda post fejn fih, jew madwaru f'raġġ ta' 10 km, matul it-30 jum ta' qabel kien hemm xi każ/tifqigħa ta' kwalunkwe waħda mill-mard imsemmi fil-punt II.2.1;

II.2.10. kwalunkwe vettura tat-trasport jew kontejner li tgħabbew fiha, tnaddfet u ġiet iddiżinfettata qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment;

II.2.11. ġew eżaminati minn veterinarju uffiċjali fi żmien 24 siegħa mit-tagħbija u ma wrew l-ebda sinjal kliniku ta' mard;

II.2.12. tgħabbew biex jintbagħtu lejn il-Komunità Ewropea fi ………………………………..[11] fil-mezzi tat-trasport deskritti fil-kaxxa ta' referenza I.15 aktar 'il fuq li tnaddfu u kienu ddiżinfettati qabel it-tagħbija b'diżinfettant awtorizzat uffiċjalment u huma mibnija b'tali mod li l-ħmieġ, l-awrina, l-imfierex jew l-għalf ma jkunux jistgħu jnixxu jew jaqgħu barra mill-vettura jew mill-kontejner matul it-trasport.

II.3. **Ċertifikazzjoni tat-trasport ta' l-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali ffirmat hawn taħt, b'dan niċċertifika, li l-annimali deskritti aktar 'il fuq ġew trattati qabel u waqt it-tagħbija skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005, l-aktar fejn jikkonċerna l-ilma u l-għalf, u huma f'kundizzjoni tajba għat-trasport maħsub.

[1] [12] [II.4. **Rekwiżiti speċifiċi**

II.4.1. Skond informazzjoni uffiċjali, ma ġiet irreġistrata l-ebda evidenza klinika jew patoloġika tar-rhinotracheitis infettiva bovina (IBR) fl-istabbiliment(i) ta' l-oriġini msemmija fil-kaxxa ta' referenza I.11, għall-aħħar 12-il xahar;

II.4.2. l-annimali msemmija fil-kaxxa ta' referenza I.28

a) ġew iżolati fl-akkomodazzjoni approvata mill-awtorità kompetenti għall-aħħar 30 jum immedjatament qabel ma ntbagħtu għall-esportazzjoni, u

b) ġew suġġetti għal test seroloġiku għall-IBR fuq seri li ttieħdu mill-inqas 21 jum wara li ġew iżolati, b'riżultati negattivi, u l-annimali kollha fl-iżolament ukoll iriżultaw li kienu negattivi għal dan it-test, u

c) ma tlaqqmux kontra l-IBR.]

**Noti**

Dan iċ-ċertifikat maħsub għal annimali bovini ħajjin (inkluż l-ispeċi *Bubalus* u *Bison* u r-razez imħalltin tagħhom) maħsuba għat-tgħammir jew għall-produzzjoni.

Wara l-importazzjoni, l-annimali għandhom jittieħdu mingħajr dewmien lejn l-istabbiliment tad-destinazzjoni fejn għandhom jibqgħu għal perjodu minimu ta' 30 jum qabel ċaqliq ieħor barra l-istabbiliment, ħlief fil-każ li jintbagħtu lejn biċċerija.

**Parti I:**

— Kaxxa ta' referenza I.8: Niżżel il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar).

— Kaxxa ta' referenza I.13: Iċ-ċentru ta' raggruppament, jekk il-każ, għandu jissodisfa l-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tiegħu, kif stabbilit fil-Parti 3.B ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE.

— Kaxxa ta' referenza I.15: In-numru ta' reġistrazzjoni (vaguni tal-ferrovija jew kontejner u trakkijiet), in-numru tat-titjira (ajruplan) jew l-isem (vapur) għandhom jingħataw. F'każ ta' ħatt u tagħbija mill-ġdid, il-konsenjatur għandu jinforma lil BIP bid-dħul fl-UE.

— Kaxxa ta' referenza I.23: Għal kontejners jew kaxxi, in-numru tal-kontejner u n-numru tas-siġill (jekk ikun il-każ) għandhom jiġu inklużi.

— Kaxxa ta' referenza I.28: Is-*sistema ta' identifikazzjoni*: L-annimali għandhom jkollhom:

— Numru individwali li jippermetti li jiġi traċċat il-post ta' l-oriġini tagħhom. Speċifika s-sistema ta' identifikazzjoni (jiġifieri lametta, tatwaġġi, ħruq fuq il-ġilda, ċippa, transponder).

— Lametta tal-widnejn li tinkludi l-kodiċi ISO tal-pajjiż ta' l-esportazzjoni. Numru individwali li jippermetti li jiġi traċċat il-post ta' l-oriġini tagħhom.

— Kaxxa ta' referenza I.28: *Speċi*: Agħżel minn fost "*Bos*", "*Bison*" u "*Bubalus*" skond il-każ.

— Kaxxa ta' referenza I.28: *Età*: Id-data tat-twelid (jj/xx/ss).

— Kaxxa ta' referenza I.28: *Sess* (M = maskil, F = femminili, C = ikkastrat).

— Kaxxa ta' referenza I.28: *Razza*: agħżel razza pura, razza mħallta

**Parti II:**

(1) Ħalli skond il-każ

(2) Biss jekk l-annimali twieldu u trabbew kontinwament f'pajjiż jew reġjun ikkategorizzat skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju negliġibbli ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE (kif emendata l-aħħar).

(3) Biss jekk il-pajjiż jew ir-reġjun ta' l-oriġini jkun ikkategorizzat skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju kkontrollat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE (kif emendata l-aħħar).

(4) Biss jekk il-pajjiż jew ir-reġjun ta' l-oriġini ma jkunx ikkategorizzat skond l-Artikolu 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 999/2001 jew ġie kkategorizzat bħala pajjiż jew reġjun li għandu riskju mhux determinat ta' BSE u li huwa elenkat b'dan il-mod fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2007/453/KE (kif emendata l-aħħar).

(5) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-Parti 1 ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar).

(6) Reġjuni u merħliet li huma uffiċjalment ħielsa mit-tuberkulożi/mill-bruċellożi kif stabbilit fl-Anness A tad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE; u reġjuni u merħliet li huma ħielsa mil-lewkożi enżootika bovina kif stabbilit fi l-Parti II ta' l-Anness D għad-Direttiva tal-Kunsill 64/432/KEE.

(7) Biss għal territorju li, fil-kolonna 6 tal-Parti 1 ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar), jidher bl-annotazzjoni 'II', fejn jikkonċerna t-tuberkulożi, 'III', fejn jikkonċerna l-bruċellożi, u/jew 'IV' jew 'IVb' fejn jikkonċerna l-lewkożi enżootika bovina.

(8) It-testijiet li saru skond il-protokolli li, għall-mard ikkonċernat, huma deskritti fil-Parti 3.C ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE.

(9) Din il-marka għandha tieħu l-forma ta' 'L' li jkollha 13 ċm fuq in-naħa tax-xellug u 7 ċm fuq in-naħa t'isfel b'1 ċm ta' ħxuna fiż-żewġ linji Din għandha tkun applikata bl-użu tat-teknika magħrufa bħala 'freeze-branding' (ġildet l-annimal tiġi mmarkata b'ħadida ffriżata).

(10) Għandhom jingħataw garanziji supplimentari meta meħtieġ fil-kolonna 5 'SG' tal-Parti 1 ta' l-Anness I għad-Deċiżjoni 79/542/KEE (kif emendata l-aħħar), bl-annotazzjoni 'A'.

Testijiet għall-Bluetongue u għall-marda epiżootika emorraġika skond il-Parti 3.C ta' l-Anness I tad-Deċiżjoni 79/542/KEE.

(11) Id-data tat-tagħbija. L-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali ma għandhomx ikunu awtorizzati meta l-annimali jkunu tgħabbew qabel id-data ta' l-awtorizzazzjoni għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea tat-territorju msemmi fil-Kaxxa I.7 u I.8, jew matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Komunità Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dawn l-annimali minn dan it-territorju.

(12) Meta rikjest mill-Istat Membru ta' l-UE tad-destinazzjoni, skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/558/KE (kif emendata l-aħħar).

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titlu:

Data: Post: Firma:

Timbru

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal kunsinja mibghuta**

I.1. Kunsinnatur

☐ Isem

Indirizz

Nru tat-tel.

I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza

I.2.a

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju

Isem

Indirizz

Kodiċi Postali

Nru tat-tel.

I.6.

I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO

I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.10. Reġjun ta' destinazzjoni — Kodiċi

I.11. Pajjiż ta' origini/Pajjiż ta' ħsad

Isem — Numru approvat

Indirizz

Isem — Numru approvat

Indirizz

Isem — Numru approvat

Indirizz

I.12.

I.13. Post ta' tgħabija

Indirizz — Numru approvat

I.14. Data ta' tluq — ħin ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport

Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐

Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐

Identifikazzjoni

Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi ta' komodità (Kodiċi CN) 01.02

I.20. Numru/Kwantità

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Identifikazzjoni tal-kontenitur/ Numru ta' siġill

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati

Qatla ☐

I.26.

I.27. **Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE** ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (Isem xjentifiku) | Razza | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Età | Sess |
|---|---|---|---|---|---|

**PAJJIŻ** **Mudell BOV-Y**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. | TAGĦRIF DWAR IS-SAĦĦA | II.a. Numru ta’ referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

II.1 **Ċertifikazzjoni tas-Saħħa Pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali ffirmat hawn taħt, b’dan niċċertifika, li l-annimali deskritti f’dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 ġejjin minn stabbilimenti li kienu ħielsa minn kwalunkwe projbizzjoni uffiċjali minħabba raġunijiet ta’ saħħa, għall-aħħar 42 jum fil-każ tal-bruċellożi, għall-aħħar 30 jum fil-każ ta’ l-antraċe u għall-aħħar sitt xhur fil-każ tar-rabja, u, ma ġewx f’kuntatt ma’ annimali minn stabbilimenti li ma kinux jissodisfaw dawn il-kundizzjonijiet;

II.1.2 ma rċevewx:

— sustanzi stilbene jew tirostatiċi,

— sustanzi estroġeniċi, androġeniċi, ġestaġeniċi jew β- agonist għal skopijiet li mhux trattamenti terapewtiċi jew żootekniċi (kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 96/22/KE).

II.1.3 fir-rigward ta’ l-enċefalopatija sponġiforma bovina (BSE):

(1) (2) *jew* [(a) l-annimali huma identifikati b’sistema ta’ identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla ta’ l-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-Kapitolu C, Parti I, punt (4) b) iv) ta’ l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) jekk kien hemm każijiet indiġeni ta’ BSE fil-pajjiż ikkonċernat, l-annimali twieldu wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta’ ruminanti b’laħam u għadam imfarrak u residwi tad-dam (greaves) derivati minn ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid ta’ l-aħħar każ indiġenu ta’ BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

(1) (3) *jew* [(a) l-annimali huma identifikati b’sistema ta’ identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla ta’ l-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-Kapitolu C, Parti II, punt (4) (b) (iv) ta’ l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) l-annimali twieldu wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta’ ruminanti b’laħam u għadam imfarrak u residwi tad-dam (greaves) derivati minn ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid ta’ l-aħħar każ indiġenu ta’ BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.]

(1) (4) *jew* [(a) l-annimali huma identifikati b’sistema ta’ identifikazzjoni permanenti li tippermetti li jiġu ntraċċati lura għall-omm u l-merħla ta’ l-oriġini, u mhumiex annimali bovini esposti kif deskritt fil-Kapitolu C, Parti II, punt (4) (b) (iv) ta’ l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 999/2001;

(b) l-annimali twieldu ta’ l-inqas sentejn wara d-data minn meta l-projbizzjoni fuq it-tmigħ ta’ ruminanti b’laħam u għadam imfarrak u residwi tad-dam (greaves) derivati minn ruminanti bdiet tiġi infurzata effettivament jew wara d-data tat-twelid ta’ l-aħħar każ indiġenu ta’ BSE jekk twieldu wara d-data tal-projbizzjoni fuq l-għalf.

II.2. **Ċertifikazzjoni ta’ Saħħa ta’ l-Annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali ffirmat hawn taħt, b’dan niċċertifika li l-annimali deskritti fuq jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.1 ġejjin minn territorju bil-kodiċi: ……………………(5) li, fid-data tal-ħruġ ta’ dan iċ-ċertifikat:

